Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,448, 28 ta' Lulju, 2020
Taqsima B

A.L. 298 tal-2020

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2020 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2015 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għad-Diploma in Dental Surgery Assistance – Dip. D.S.A. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Kirurġija Dentali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Kirurġija Dentali bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2020 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2015 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għad-Diploma in Dental Surgery Assistance – Dip. D.S.A. - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2015 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għad-Diploma in Dental Surgery Assistance – Dip. D.S.A. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Kirurġija Dentali, ippubblikati bħala Avviż Legali 368 tal-2015, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2020 jew wara.

L-Emenda għall-Artiklu 2 tal-Appendiċi I tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafi (1) u (2) tal-Artiklu 2 tal-Appendiċi I tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"2. (1) L-applikanti meqjusa bħala "Studenti Adulti" (applikanti maturi) skont il-paragrafu (ċ) tar-regolament 6 tar-Regolamenti għad-Dħul irid ikollhom dawk il-kwalifiki u/jew esperjenza li jissodisfaw lill-Bord li leħqu l-istandard

akkademiku meħtieġ biex isegwu l-Kors bi profitt. Dawn l-applikanti huma meħtieġa li jissottomettu mal-applikazzjoni tagħhom ittra miktuba bl-Ingliż fejn jagħtu l-motivazzjoni tagħhom għaliex qegħdin japplikaw għall-Kors flimkien ma' kopja tal-*Curriculum Vitae* (C.V.) tagħhom.

(2) L-eliġibilità tal-applikanti msemmija fil-paragrafu (1) ta' dan l-Artiklu għandha tkun deċiża mill-Bord, wara intervista li tkun immexxija minn bord tal-intervisti maħtur għal dan il-għan."